ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 110 A

Volum 53

Edizzjoni bil-Malti

29 ta' April 2010

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

V *Opinjonijiet*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)**

2010/C 110 A/01 Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/178-179/10 .......... 1

2010/C 110 A/02 Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/180-181-182/10 .......... 11

MT

**Prezz: 3 EUR**

V

*(Opinjonijiet)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL (EPSO)

## AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI EPSO/AD/178-179/10

(2010/C 110 A/01)

***Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej?***

***Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?***

***Mela applika***

***Għati lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi***

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza testijiet ta' dħul kif ukoll kompetizzjoni ġenerali permezz ta' eżamijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi (*) (AD 5).

**EPSO/AD/178/10 — Kariga ta' Bibljotekarju/Xjenza tal-Informazzjoni**

**EPSO/AD/179/10 — Awdjoviżiv**

L-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet hu li jfassal listi ta' riżerva maħsuba biex jimlew postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej, speċjalment fil-Parlament Ewropew, fil-Kunsill u fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea mhix assoċjata ma' dawn il-kompetizzjonijiet u għalhekk mhux se timpjega nies mil-listi ta' riżerva.

***Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 57 A tad-9 ta' Marzu 2010 kif ukoll fuq is-sit tal-internet tal-EPSO.***

***Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet ta' iskrizzjoni.***

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

WERREJ

I. **QAFAS ĠENERALI**

II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**

III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**

IV. **TESTIJIET TA' DĦUL**

V. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U STEDINA GĦAĊ-ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI**

VI. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

VII. **LISTI TA' RIŻERVI**

VIII. **KIF TAPPLIKA?**

## I. QAFAS ĠENERALI

| | |
|---|---|
| **1. Għadd ta' kandidati magħżula** | **EPSO/AD/178/10 = 19**<br>**EPSO/AD/179/10 = 9** |
| **2. Kummenti** | **EPSO qed jippubblika b'mod parallel dawn il-kompetizzjonijiet li ġej-jin:**<br>**EPSO/AD/180/10 — Sigurtà tas-sistemi ta' Informazzjoni (INFOSEC)**<br>**EPSO/AD/181/10 — Liġi tal-kompetizzjoni**<br>**EPSO/AD/182/10 — Ekonomija tal-industrija**<br>Minn dawn il-ħames oqsma, int tista' tapplika għal wieħed biss.<br>Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-iskrizzjoni elettronika u ma tistax tin-bidel ladarba tkun ivvalidajt u bgħatt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettro-niku. |

## II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

AD 5 huwa l-grad li fih il-kandidati magħżula jidħlu f'karriera ta' amministratur fl-Istituzzjonijiet Ewropej. L-amministra-turi impjegati f'dan il-grad jistgħu jwettqu taħt superviżjoni, tliet tipi ewlenin ta' xogħol fl-istituzzjonijiet: tfassil tal-poli-tika, twassil operattiv u ġestjoni tar-riżorsi. Aħna qed infittxu partikolarment kandidati b'potenzjal ta' żvilupp fil-karriera.

Deskrizzjoni dettaljata tal-oqsma differenti tinsab fl-anness.

*Il-profil ġenerali mfittex mill-istituzzjonijiet jinsab fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.*

## III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

**Fid-data ta' għeluq stabbilita għall-iskrizzjoni elettronika**, int għandek tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

### 1. Kundizzjonijiet ġenerali

a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
b) Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
c) Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli tas-servizz militari.
d) Tipproduċi r-referenzi tal-karattru xierqa li juru li int tajjeb biex twettaq id-dmirijiet tiegħek.

### 2. Kundizzjonijiet speċifiċi

| | |
|---|---|
| **2.1** | **Kwalifiki**<br>Ara l-anness |
| **2.2** | **Għarfien lingwistiku**<br>**Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin:**<br>BG (Bulgaru), CS (Ċek), DA (Daniż), DE (Ġermaniż), EL (Grieg), EN (Ingliż), ES (Spanjol), ET (Estonjan), FI (Finlandiż), FR (Franċiż), GA (Irlandiż), HU (Ungeriż), IT (Taljan), LT (Litwan), LV (Latvjan), MT (Malti), NL (Olandiż), PL (Polakk), PT (Portugiż), RO (Rumen), SK (Slovakk), SL (Sloven), SV (Svediż) |
| a) Lingwa 1: | **Il-lingwa ewlenija:**<br>għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea |
| u | |
| b) Lingwa 2 | **It-tieni lingwa (għandha tkun differenti mil-lingwa 1):**<br>għarfien sodisfaċenti tal-Franċiż, il-Ġermaniż jew l-Ingliż |

## IV. TESTIJIET TAD-DĦUL

**Dawn it-testijiet se jiġu organizzati biss jekk in-numru tal-kandidati li applikaw ikun ogħla minn ċertu limitu** ([1])**. F'dan il-każ, int tkun infurmat permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO.**

| | | |
|---|---|---|
| **1. Int se tkun mistieden għat-testijiet** | **jekk, waqt l-iskrizzjoni elettronika,** tkun iddikjarajt li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-titolu III. | |
| **2. Tip ta' testijiet u mmarkar** | Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla maħsuba biex jivvalutaw l-abiltajiet u l-kompetenzi ġenerali fil-qasam tal-kapaċità ta': | |
| **Test a)** | raġunament verbali | marki: 0 sa 20 punti<br>minimu meħtieġ: 10 punti |

([1]) Wara d-data ta' skadenza tal-iskrizzjoni tal-kandidati, EPSO, bħala awtorità li taħtar, jiddeċiedi jekk jorganizzax testijiet ta' dħul jekk in-numru tal-kandidati x'aktarx li joħloq diffikultajiet operattivi jew dewmien sostanzjali tal-proċedura. Dan il-limitu jista' jvarja minn kompetizzjoni għall-oħra.

| | | |
|---|---|---|
| **Test b)** | raġunament numeriku | marki: 0 sa 10 punti |
| **Test c)** | raġunament astratt | marki: 0 sa 10 punti |
| | | Il-minimu meħtieġ hu ta' 10 punti għat-testijiet kollha b) u c) |
| **3. Lingwa tat-testijiet** | Lingwa 2 (Franċiż, Ġermaniż jew Ingliż) | |

## V. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U STEDINA GĦAĊ-ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI**

### 1. **Ammissjoni għall-kompetizzjoni**

Se jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni elettronika, sabiex jiġu identifikati l-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni.

*Fil-każ li jiġu organizzati testijiet ta' dħul preliminari*

Dan l-eżami jsir, f'ordni dixxendenti ta' punti miksuba fit-tesijiet ta' dħul, sakemm jintlaħaq il-limitu ta' kandidati li:

— kisbu kemm il-minimu meħtieġ kif ukoll l-aħjar marki fit-testijiet ta' dħul u

— jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni

Dan il-limitu jikkorrispondi għal sitt darbiet in-numru tal-kandidati magħżula indikat fl-avviż ta' kompetizzjoni. Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jiġu kkunsidrati għall-fażi ta' għażla skont il-kwalifiki. L-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li ġew ikklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.

### 2. **Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni: għażla skont il-kwalifiki**

Bil-ħsieb li jiġu identifikati l-kandidati li jistgħu jiġu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, il-ġurija tipproċedi għal għażla skont il-kwalifiki wara li jkunu ġew stabbiliti l-kriterji li permezz tagħhom se tevalwa dawn il-kwalifiki. Din l-għażla ssir fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom. Il-ġurija tagħżel, fost il-kandidati li jisso-disfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni, dawk li għandhom il-kwalifiki l-iktar rilevanti (speċjalment diplomi, esperjenza professjonali) skont il-kwalità u l-livell fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet imfissra fl-avviż ta' kompetizzjoni (ara l-kriterji ta' għażla fl-anness). Din l-għażla ssir fuq il-bażi ta' mmarkar stabbilit b'dan il-mod li ġej:

a) Kull kriterju ta' għażla jitqies minn 1 sa 3, skont l-importanza mogħtija mill-ġurija;

b) Il-ġurija tagħti marka minn 1 sa 4 għal kull kriterju, skont il-kwalifiki tal-kandidat.

Imbagħad tistabbilixxi klassifika [2] tal-kandidati skont dawn il-marki.

In-numru tal-kandidati mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal tliet darbiet in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni u se jkun ippubblikat fuq is-sit tal-internet tal-EPSO (www.eu-careers.eu).

[2] Il-kandidati li ma ġewx mistiedna fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni jistgħu jiksbu kopja tal-karta ta' evalwazzjoni tal-kwalifiki tagħhom stabbilita mill-ġurija, billi jagħmlu talba wara għaxart ijiem min-notifika tar-riżultati.

### 3. **Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati**

Wara l-fażi ta' evalwazzjoni, id-dikjarazzjonijiet li saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom se jkunu verifikati minn EPSO għall-kundizzjonijiet ġenerali u mill-ġurija għall-kundizzjonijiet speċifiċi u l-għażla skont il-kwalifiki. Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati se jkunu esklużi mill-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir b'ordni dixxendenti ta' mertu, għall-kandidati li kisbu l-minimu meħtieġ u l-aħjar marki għat-testijiet kollha d), e), f) taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara taqsima VI). Fejn xieraq, il-kandidati jridu wkoll jiksbu l-minimu meħtieġ fit-testijiet għall-kapaċità ([3]) a), b) u c) (ara taqsima VI). Din il-verifika ssir sakemm jintlaħaq il-limitu ta' kandidati li jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' riżerva u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni kollha. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li ġew ikklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.

## VI. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

| | |
|---|---|
| **1. Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni** | Int se tkun mistieden f'ċentru ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju jsir Brussell u li jdum ġurnata, jekk int tkun wieħed mill-kandidati li ([4]):<br>— jkunu kisbu waħda mill-aħjar marki fit-testijiet ta' dħul (jekk dawn kienu organizzati, ara taqsima IV) u l-minimu meħtieġ għal dawn it-testijiet<br>**u**<br>— skont id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-iskrizzjoni elettronika, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ġenerali u speċifiċi tat-taqsima III<br>**u**<br>— li kisbu waħda mill-aħjar marki fl-għażla tal-kwalifiki. |
| **2. Ċentru ta' evalwazzjoni** | Int se tkun evalwat dwar il-kapaċitajiet tiegħek fir-rigward tar-raġunament, ħlief jekk dawn ma kienux diġà evalwati waqt it-testijiet ta' dħul organizzati minn qabel. Din l-evalwazzjoni se ssir permezz ta' dawn l-elementi li ġejjin:<br>a) test tar-raġunament verbali<br>b) test tar-raġunament numeriku<br>c) test tar-raġunament astratt<br>Int se tkun evalwat ukoll fuq il-kompetenzi speċifiċi fil-qasam kif ukoll dwar dawn il-kompetenzi ġenerali:<br>— **Analiżi u soluzzjoni tal-problemi**<br>— **Komunikazzjoni**<br>— **Kwalità u riżultati**<br>— **Tagħlim u żvilupp**<br>— **Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni**<br>— **Perseveranza**<br>— **Ħidma ma' persuna oħra**<br>— **Tmexxija**<br>Dawn il-kompetenzi huma mfissra fid-detall fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.<br>Dawn il-kompetenzi se jkunu eżaminati permezz ta' dawn l-elementi:<br>d) studju tal-każ fil-qasam magħżul<br>e) eżerċizzju fi grupp<br>f) intervista strutturata |

([3]) Minhabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, dawn it-testijiet jistgħu jsiru waqt il-fażi taċ-ċentru ta' evalwazzjoni iżda jkunu taħt ir-responsabbiltà ta' EPSO u mhux tal-ġurija.

([4]) Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu mistiedna fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

| | |
|---|---|
| **3. Lingwi taċ-ċentru ta' evalwazzjoni** | Lingwa 2 (Franċiż, Ġermaniż jew Ingliż) għall-elementi kollha minn a) sa f).<br>Waqt l-istudju tal-każ (element d), l-għarfien tal-lingwa prinċipali tiegħek (lingwa 1) se tkun ukoll eżaminata |
| **4. Marki** | **Kapaċitajiet fil-qasam tar-raġunament** (fejn xieraq)<br>a) (verbali) minn 0 sa 20 punt<br>Minimu meħtieġ: 10 punti<br>b) (numeriku) minn 0 sa 10 punt<br>c) (astratt) minn 0 sa 10 punti<br>Minimu meħtieġ għat-testijiet kollha b) u c): 10 punti<br>It-testijiet a), b) u c) huma eliminatorji iżda l-punti tagħhom mhux se jiżdiedu mal-punti tal-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni.<br>**Kompetenzi speċifiċi**<br>Minn 0 sa 100 punt<br>minimu meħtieġ: 50 punt<br>**Kompetenzi ġenerali**<br>Minn 0 sa 80 punt għall-kompetenzi ġenerali kollha (10 punti għal kull kompetenza)<br>minimu meħtieġ:<br>3 punti għal kull kompetenza **u**<br>40 punt għat-tmien kompetenzi ġenerali kollha |

## VII. LISTI TA' RIŻERVI

| | |
|---|---|
| **1. Iskrizzjoni fuq il-lista ta' riżerva** | Il-ġurija tikteb ismek fil-lista tar-riżerva [5] (ara n-numru ta' kandidati magħżula, taqsima I, punt I) jekk int tkun wieħed mill-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tat-taqsima V. |
| **2. Klassifika** | Il-listi huma stabbiliti skont il-kompetizzjoni, skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4) u skont l-ordni alfabetiku f'kull grupp ta' mertu. |

## VIII. KIF TAPPLIKA?

| | |
|---|---|
| **1. Iskrizzjoni elettronika** | Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq is-sit tal-internet tal-EPSO.<br>**Data ta' għeluq: it-28 ta' Mejju 2010 sa 12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell** |
| **2. Trażmissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni** | F'fażi ulterjuri, il-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni se jkunu mistiedna jibagħtu fajl ta' applikazzjoni komplut (applikazzjoni elettronika ffirmata u dokumenti ta' appoġġ).<br>**Data ta' għeluq:** Id-data ta' għeluq se tkun ikkomunikata fi żmien xieraq permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO.<br>**Kundizzjonijiet**: ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali. |

(5) Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu inklużi fil-lista ta' riżerva.

*ANNESS 1*

## EPSO/AD/178/10 — AMMINISTRATURI (AD 5)

## KARIGA TA' BIBLJOTEKARJU/XJENZA TAL-INFORMAZZJONI

### 1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-kariga ta' bibljotekarju/xjenza tal-informazzjoni hu li jamministraw u jipprovdu servizzi ta' informazzjoni professjonali.

Jekk jogħġbok kun af illi f'din il-kompetizzjoni, aħna m'aħniex qegħdin infittxu teknologi tal-informatika (IT), arkivisti jew amministraturi tad-dokumenti/rekords.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

— Amministrazzjoni tas-servizzi tal-informazzjoni, inkluż l-amministrazzjoni tas-servizzi ta' riċerka tal-informazzjoni ġenerali u speċjalizzati, it-tħaddim ta' sit tal-intranet tas-servizz tal-informazzjoni b'bażijiet tad-dejta onlajn kummerjċali b'liċenzja u l-provvediment ta' taħriġ dwar l-informazzjoni.

— Amministrazzjoni ta' vokabularji kkontrollati, katalogar u proċessi ta' indiċjar; Amministrazzjoni ta' ġbir; Amministrazzjoni ta' dejta professjonali.

— Riċerka ta' informazzjoni speċjalizzata u amministrazzjoni ta' riżorsi ta' informazzjoni partikolarment f'oqsma ta' politika u/jew gruppi ta' klijenti.

— Rwoli ta' tmexxija professjonali u/jew speċjalizzazzjoni f'qasam ta' servizz partikolari bħal pereżempju referenza, standards professjonali, taħriġ tal-klijent, drittijiet tal-awtur, innovazzjoni jew żviluppi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

— Amministrazzjoni ta' gruppi ta' ħdima *ad hoc* u timijiet ta' proġetti.

— Analiżi u ġbir fil-qosor tal-informazzjoni ta' politika, u kitba ta' rapporti u amministrazzjoni ta' reviżjonijiet.

— Tweġiba tat-talbiet għall-informazzjoni tal-klijenti, għażla tal-informazzjoni, katalogar u idiċjar ta' dokumenti, preżentazzjonijiet u provvediment ta' taħriġ lill-klijenti.

— Id-dmirijiet ta' bibljotekarju legali (fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu).

### 2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fix-xjenza tal-informazzjoni, dokumentazzjoni jew bibljoekonomija (studji fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informatika (IT) u tal-arkivji mhumiex inklużi f'din id-definizzjoni).

**jew**

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma segwit b'taħriġ ta' mill-inqas sena, iċċertifikat b'diploma fix-xjenza tal-informazzjoni, dokumentazzjoni jew bibljoekonomija (studji fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informatika (IT) u tal-arkivji mhumiex inklużi f'din id-definizzjoni).

*Għall-profil ta' bibljotekarju legali*

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fil-liġi u taħriġ jew esperjenza professjonali ta' mill-inqas sentejn fil-qasam tal-bibljoekonomija.

### 3. **Għażla skont il-kwalifiki**

L-attenzjoni ta' din id-deksrizzjoni tal-impjieg hija fuq il-ħiliet mal-persuni (klijenti, persunal) u ħiliet mal-informazzjoni f'kull forma. Dawn l-irwoli jikkonċernaw inqas l-amministrazzjoni tradizzjonali tal-kotba u d-dokumenti u iktar li l-informazzjoni preċiża u rilevanti tissodisfa l-ħtiġijiet tal-klijenti. Sabiex jintlaħaq dan, jeħtieġ ħafna tipi ta' ħiliet ta' amministrazzjoni f'kuntest ta' informazzjoni professjonali: Amministrazzjoni tas-servizzi, kummerċjalizzazzjoni, kwalità, amministrazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji u amministrazzjoni tal-kuntratti.

Għalhekk, meta jivvaluta l-kwalifiki tal-kandidati, il-bord ta' għażla se jikkunsidra, b'mod partikolari:

— għarfien prattiku tal-amministrazzjoni u tal-operazzjonijiet tas-servizz tal-informazzjoni;

— għarfien prattiku tas-servizzi tal-klijenti, kwalità u kummerċjalizzazzjoni, u servizzi tal-informazzjoni onlajn;

— għarfien tal-affarijiet tal-UE, tal-liġi nazzjonali u/jew tal-UE u/jew internazzjonali;

— għarfien fl-oqsma li ġejjin: xjenza politika, relazzjonijiet internazzjonali, ekonomija u xjenza; jew għarfien tajjeb ħafna dwar suġġett ta' kwalunkwe qasam ta' politika rilevanti għall-attivitajiet tal-istituzzjonijiet Ewropej;

— ikun mixtieq għarfien eċċellenti tal-ambjent tal-informazzjoni u lingwi uffiċjali ta' pajjiż wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin: l-Awstrija, Ċipru, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovakkja, ir-Renju Unit;

— Għarfien prattiku ta' katalogar u l-indiċizzazzjoni;

— għall-profil ta' bibljotekarju legali, il-ġurija se tikkunsidra b'mod partikolari, mingħajr preferenzi lingwistiċi, l-għarfien fil-bibljoekonomija kif ukoll għarfien tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

*ANNESS 2*

**EPSO/AD/179/10 — AWDJOVIŻIV — AMMINISTRATURI (AD 5)**

**INĠINIER AV/PRODUTTUR AV**

L-istituzzjonijiet tal-UE qed ifittxu inġiniers u produtturi il-qasam awdjoviżiv. Huma se jkunu impjegati fl-istituzzjonijiet rispettivi fis-servizzi awdjoviżivi li huma responsabbli mill-kopertura tal-attivitajiet ta' dawk il-korpi tal-UE kif ukoll li jagħmlu produzzjonijiet awdjoviżivi.

L-inġinieri AV se jkunu responsabbli għall-funzjonament tajjeb tal-infrastruttura awdjoviżiva teknika.

Il-produtturi awdjoviżivi se jkunu responsabbli li jagħmlu produzzjonijiet awdjoviżivi u jkopru l-attivitajiet istituzzjonali in ġenerali.

Se jkun hemm bżonn ta' amministrazzjoni tal-persunal tekniku intern u estern fiż-żewġ pożizzjonijiet.

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

— Żgurar tal-funzjonament, il-manutenzjoni, is-superviżjoni u l-adattament tat-tagħmir broadcast u multimedjali;

— studju u definizzjoni tal-aspetti tekniċi tat-tagħmir ġdid, skont l-iżvilupp tat-teknoloġiji u tal-ħtiġijiet ta' min jużhom;

— produzzjoni u definizzjoni tal-kundizzjonijiet tat-twettiq tal-programmi awdjoviżi/multimedjali;

— żvilupp tal-produzzjoni awdjoviżiva broadcast u multimedjali;

— żgurar tal-iżvilupp u l-ħolqien ta' proġetti ġodda;

— parteċipazzjoni fil-preparazzjoni u t-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fit-teknoloġiji tal-awdjoviżiv broadcast u multimedjali, elettroniku jew informatiku; produzzjoni awdjoviziva broadcast u multimedjali

**jew**

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fit-teknoloġiji tal-awdjoviżiv broadcast u multimedjali, elettroniku jew informatiku; segwit b'taħriġ ta' mill-inqas sena, iċċertifikat b'diploma fit-teknoloġiji tal-awdjoviżiv broadcast u multimedjali, elettroniku jew informatiku; produzzjoni awdjoviżiva broadcast u multimedjali

3. **Għażla skont il-kwalifiki**

L-għarfien li ġej se jiġi kkunsidrat mill-ġurija:

— għarfien tal-elettronika u tat-teknoloġiji differenti marbuta mat-televiżjoni u mar-radju;

— għarfien tat-teknoloġiji tal-informatika (bażijiet tad-dejta, sistemi ta' fajls u sistemi operattivi, servers, netwerk, internet);

— għarfien tat-teknoloġija tal-informatika marbuta mal-awdjoviżiv broadcast u multimedjali (kompressjoni tal-vidjo u tal-awdjo, trażmissjoni, streaming, vidjo fuq talba);

— għarfien prattiku tal-produzzjoni tal-programmi awdjoviżivi broadcast u multimedjali.

# AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI EPSO/AD/180-181-182/10

(2010/C 110 A/02)

***Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej?***
***Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?***
***Mela applika***
***Għati lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi***

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza dawn il-kompetizzjonijiet ġenerali permezz ta' eżamijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi (*) (AD 7 u AD 8).

**EPSO/AD/180/10 — Sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni (INFOSEC)**
**EPSO/AD/181/10 — Liġi tal-kompetizzjoni**
**EPSO/AD/182/10 — Ekonomija tal-industrija**

L-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet hu li jitfasslu listi ta' riżerva maħsuba biex jimlew postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kunsill u l-Kummissjoni.

***Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 57 A tad-9 ta' Marzu 2010 kif ukoll fuq is-sit tal-internet tal-EPSO.***

***Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċedura u l-kundizzjonijiet ta' iskrizzjoni.***

WERREJ

I. **QAFAS ĠENERALI**

II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**

III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**

IV. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U STEDINA GĦAĊ-ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI**

V. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

VI. **LISTI TA' RIŻERVI**

VII. **KIF TAPPLIKA?**

## I. QAFAS ĠENERALI

| | |
|---|---|
| **1. Għadd ta' kandidati li jirnexxu** | **EPSO/AD/180/10 = 16**<br>**EPSO/AD/181/10 = 14**<br>**EPSO/AD/182/10 = 14** |
| **2. Kummenti** | **EPSO qed jippubblika b'mod parallel dawn il-kompetizzjonijiet li ġejjin:**<br>**EPSO/AD/178/10 — Kariga ta' Bibljotekarju/Xjenza tal-informazzjoni**<br>**EPSO/AD/179/10 — Awdjoviżiv**<br>Minn dawn il-ħames oqsma, int tista' tapplika għal wieħed biss.<br>Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-iskrizzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ivvalidajt u bgħatt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku. |

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

## II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

Il-profili speċifiċi huma deskritti fl-anness.

*Il-profil ġenerali tal-kandidati mfittex mill-istituzzjonijiet huwa spjegat fid-dettal fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.*

## III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

**Fid-data ta' għeluq stabbilita għall-iskrizzjoni elettronika**, int għandek tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

**1. Kundizzjonijiet ġenerali**

a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
b) Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
c) Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli tas-servizz militari.
d) Tipproduċi r-referenzi tal-karattru xierqa li juru li int tajjeb biex twettaq id-dmirijiet tiegħek.

**2. Kundizzjonijiet speċifiċi**

| | |
|---|---|
| **2.1** | **Kwalifiki**<br>Ara l-anness |
| **2.2** | **Esperjenza professjonali**<br>Ara l-anness |
| **2.3** | **Għarfien lingwistiku**<br>**Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin:**<br><br>BG (Bulgaru), CS (Ċek), DA (Daniż), DE (Ġermaniż), EL (Grieg), EN (Ingliż), ES (Spanjol), ET (Estonjan), FI (Finlandiż), FR (Franċiż), GA (Irlandiż), HU (Ungeriż), IT (Taljan), LT (Litwan), LV (Latvjan), MT (Malti), NL (Olandiż), PL (Polakk), PT (Portugiż), RO (Rumen), SK (Slovakk), SL (Sloven), SV (Svediż) |
| a) Lingwa 1 | **Il-lingwa ewlenija:**<br>għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea |
| u | |
| b) Lingwa 2 | **It-tieni lingwa (għandha tkun differenti mil-lingwa 1):**<br>għarfien sodisfaċenti tal-Franċiż, il-Ġermaniż jew l-Ingliż |

## IV. AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U STEDINA GĦAĊ-ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI

### 1. Ammissjoni għall-kompetizzjoni

Se jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni elettronika, sabiex jiġu identifikati l-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni.

## 2. Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni: għażla skont il-kwalifiki

Bil-ħsieb li jiġu identifikati l-kandidati li jistgħu jiġu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, il-ġurija tipproċedi għal għażla skont il-kwalifiki wara li jkunu ġew stabbiliti l-kriterji li permezz tagħhom se tevalwa dawn il-kwalifiki. Din l-għażla ssir fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom. Il-ġurija tagħżel, fost il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni, dawk li għandhom il-kwalifiki l-iktar rilevanti (speċjalment diplomi, esperjenza professjonali) skont il-kwalità u l-livell fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet imfissra fl-avviż ta' kompetizzjoni (ara l-kriterji ta' għażla fl-anness). Din l-għażla ssir fuq il-bażi ta' mmarkar stabbilit b'dan il-mod li ġej:

a) kull kriterju ta' għażla jitqies minn 1 sa 3, skont l-importanza mogħtija mill-ġurija;

b) il-ġurija tagħti marka minn 1 sa 4 għal kull kriterju, skont il-kwalifiki tal-kandidat.

Imbagħad jistabbilixxi klassifika ([1]) tal-kandidati skont dawn il-marki.

In-numru tal-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi għal mhux iktar minn tliet darbiet in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni u se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPSO (www.eu-careers.eu).

## 3. Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati

Wara l-fażi ta' evalwazzjoni, id-dikjarazzjonijiet li saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom se jkunu verifikati minn EPSO għall-kundizzjonijiet ġenerali u mill-ġurija għall-kundizzjonijiet speċifiċi u l-għażla skont il-kwalifiki. Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati se jkunu esklużi mill-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir b'ordni dixxendenti ta' mertu, għall-kandidati li kisbu l-minimu meħtieġ u l-aħjar marki għat-testijiet kollha d), e), f) taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara taqsima V). Il-kandidati jridu wkoll jiksbu l-minimu meħtieġ fit-testijiet għall-kapaċità ([2]) a), b) u c) (ara taqsima V). Din il-verifika ssir sakemm jintlaħaq il-limitu ta' kandidati li jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' riżerva u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni kollha. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li ġew ikklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.

# V. KOMPETIZZJONI ĠENERALI

| | |
|---|---|
| **1. Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni** | Int se tkun mistieden f'ċentru ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju jsir Brussell u li jdum ġurnata, jekk int tkun wieħed mill-kandidati li:<br>— skont id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-iskrizzjoni elettronika, jissodisfaw l-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ġenerali u speċifiċi tat-taqsima III<br>**u**<br>— li kisbu waħda mill-aħjar marki ([3]) fl-għażla tal-kwalifiki. |
| **2. Ċentru ta' evalwazzjoni** | Int se tkun evalwat dwar il-kapaċitajiet tiegħek fir-rigward tar-raġunament permezz tal-elementi li ġejjin:<br>a) test ta' raġunament verbali<br>b) test ta' raġunament numeriku<br>c) test ta' raġunament astratt<br>Int se tkun evalwat ukoll fuq il-kompetenzi speċifiċi fil-qasam kif ukoll dwar dawn il-kompetenzi ġenerali:<br>— **Analiżi u soluzzjoni tal-problemi**<br>— **Komunikazzjoni**<br>— **Kwalità u riżultati**<br>— **Tagħlim u żvilupp**<br>— **Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni**<br>— **Perseveranza**<br>— **Ħidma ma' persuni oħra**<br>— **Tmexxija**<br>Dawn il-kompetenzi huma mfissra fid-detall fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.<br>Dawn il-kompetenzi se jkunu evalwati permezz ta' dawn l-elementi:<br>d) studju tal-każ fil-qasam<br>e) eżerċizzju fi grupp<br>f) intervista strutturata |

([1]) Il-kandidati li ma ġewx mistiedna fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni jistgħu jiksbu kopja tal-karta ta' evalwazzjoni tal-kwalifiki tagħhom stabbilita mill-ġurija, billi jagħmlu talba wara għaxart ijiem min-notifika tar-riżultati.

([2]) Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, dawn it-testijiet jistgħu jsiru waqt il-fażi taċ-ċentru ta' evalwazzjoni iżda jkunu taħt ir-responsabbiltà ta' EPSO u mhux tal-ġurija.

([3]) Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu mistiedna fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

| | |
|---|---|
| **3. Lingwa taċ-ċentru ta' evalwazzjoni** | Lingwa 2 (Ġermaniż, Ingliż jew Franċiż) għall-elementi kollha minn a) sa f).<br>Waqt l-istudju tal-każ (element d), l-għarfien tal-lingwa prinċipali tiegħek (lingwa 1) se tkun ukoll eżaminata |
| **4. Marki** | **Kapaċitajiet fil-qasam tar-raġunament**<br>a) (verbali) minn 0 sa 20 punt<br>minimu meħtieġ: 10 punti<br>b) (numeriku) minn 0 sa 10 punti<br>b) (astratt) minn 0 sa 10 punti<br>Minimu meħtieġ għat-testijiet kollha b) u c): 10 punti<br>It-testijiet a), b) u c) huma eliminatorji iżda l-punti tagħhom mhux se jiżdiedu mal-punti tal-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni.<br>**Kompetenzi speċifiċi**<br>Minn 0 sa 100 punt<br>minimu meħtieġ: 50 punt<br>**Kompetenzi ġenerali**<br>Minn 0 sa 80 punt għall-kompetenzi ġenerali kollha (10 punti għal kull kompetenza)<br>minimu meħtieġ:<br>3 punti għal kull kompetenza **u**<br>40 punt għat-tmien kompetenzi ġenerali kollha |

## VI. LISTI TA' RIŻERVI

| | |
|---|---|
| **1. Kandidati li jiddaħħlu fuq il-lista ta' riżerva** | Il-ġurija tikteb ismek fil-lista tar-riżerva ([4]) (ara n-numru ta' kandidati magħżula, taqsima I, punt I) jekk int tkun wieħed mill-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tat-taqsima IV. |
| **2. Klassifika** | Listi stabbiliti skont il-kompetizzjoni, skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4) u f'ordni alfabetiku f'kull grupp ta' meritu. |

## VII. KIF TAPPLIKA?

| | |
|---|---|
| **1. Iskrizzjoni elettronika** | Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPSO.<br>**Data ta' għeluq: it-28 ta' Mejju 2010 sa 12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell** |
| **2. Trażmissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni** | **F'fażi ulterjuri**, il-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni se jkunu mistiedna jibagħtu fajl ta' applikazzjoni komplut (applikazzjoni elettronika ffirmata u dokumenti ta' appoġġ).<br>**Data ta' għeluq:** Id-data ta' għeluq se tkun ikkomunikata fi żmien xieraq permezz tal-profil EPSO tiegħek.<br>**Kundizzjonijiet:** ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali. |

([4]) Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu inklużi fil-lista ta' riżerva.

*ANNESS 1*

**EPSO/AD/180/10 — AMMINISTRATURI (AD 7)**

**SIGURTÀ TAS-SISTEMI TAL-INFORMAZZJONI (INFOSEC)**

Din il-kompetizzjoni ġenerali qed issir biex jiġu impjegati Amministraturi (AD 7) fil-qasam tas-Sigurtà tas-Sistemi tal-Informazzjoni.

1. **Dmirijiet**

a) *Ġestjoni ta' Sigurtà ta' Sistemi tal-Informazzjoni:*

— Twaqqif ta' ISMS (Sistema ta' Ġestjoni ta' Sigurtà tal-Informazzjoni): definizzjoni tal-għanijiet, studju tal-kuntest tal-organizzazzjoni (Kummissjoni jew Direttorat Ġenerali/Servizz), definizzjoni tal-ambitu tal-ISMS, kisba tal-appoġġ tal-ġestjoni, tħejjija tal-proċessi u l-proċeduri relevanti għall-ġestjoni tar-riskju, organizzazzjoni tal-persunal u r-riżorsi, tħejjija u żamma ta' inventarju tal-assi ta' informazzjoni, ġestjoni ta' riskju.

— Implimentazzjoni u operazzjoni ta' ISMS: speċifikazzjoni u implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' trattament ta' riskju għall-organizzazzjoni, implimentazzjoni ta' kontrolli magħżula, tħejjija ta' indikaturi għall-kejl tal-effettività ta' kontrolli, żvilupp ta' programmi ta' taħriġ u żvilupp, ġestjoni ta' operazzjoni u riżorsi, definizzjoni ta' organizzazzjoni ta' trattament ta' inċidenti.

— Segwitu u reviżjoni ta' ISMS: verifika dwar jekk l-ISMS hijiex qed taħdem kif mistennija, reviżjonijiet regolari tal-effettività tal-ISMS, reviżjonijiet perjodiċi ta' valutazzjonijiet ta' riskju, verifika ISMS, verifika għal tibdil fl-ISMS u l-ambjent tiegħu.

— Żamma u reviżjoni tal-ISMS: implimentazzjoni ta' titjib identifikat, u teħid ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi xierqa.

b) *Integrazzjoni ta' sigurtà fiċ-ċiklu ta' ħajja tas-sistemi ta' informazzjoni:*

— Ippjanar tal-proċessi ta' żvilupp sikuri.

— Analiżi ta' Impatt fuq in-negozju (biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' sigurtà).

— Analiżi u evalwazzjoni ta' riskju (pereżempju analiżi ta' każijiet ta' abbuż, analiżi ta' theddid, xenarji ta' riskji).

— Żvilupp ta' arkitettura ta' sigurtà.

— Speċifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' sigurtà (ħtiġijiet funzjonali u ħtiġijiet ta' assigurazzjoni).

— Żvilupp ta' pjanijiet u dokumentazzjoni ta' sigurtà (pereżempju pjanijiet ta' trattament ta' riskju, pjanijiet ta' rkupru f'każ ta' diżastru, pjanijiet ta' sigurtà għan-negożju u pjanijiet ta' testjar ta' sigurtà).

— Verifiki ta' sigurtà għall-konformità u kompletezza.

— Analiżi ta' nuqqasijiet fis-sigurtà.

— Għassa ta' sigurtà teknoloġika.

— Ġestjoni ta' testijiet ta' sigurtà.

— Proċess ta' akkreditazzjoni formali tas-sistemi ta' proċessar ta' informazzjoni kklassifikata tal-UE.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma fis-Sigurtà tas-Sistemi ta' Informazzjoni jew fit-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni jew Xjenza tal-Informazzjoni, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja huwa ta' erba' snin jew iktar

**jew**

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma fis-Sigurtà tas-Sistemi ta' Informazzjoni jew fit-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni jew Xjenza tal-Informazzjon u esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja huwa ta' mill-inqas tliet snin.

*L-esperjenza professjonali mitluba hawn fuq għandha tkun inkisbet f'wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:*

— Oqfsa ta' Ġestjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà tal-Informazzjoni (pereżemju ISO 2700x, ISF, partijiet relatati ta' sigurtà ta' COBIT, ITIL, …).

— Metodoloġiji u għodod ta' Ġestjoni ta' Riskju (pereżempju ISO 27005, EBIOS, CRAMM, Mehari, Magerit, NIST, …).

— Oqfsa għall-iżvilupp ta' softwer sikur (pereżempju Common Criteria, NIST application development cycle, Security Touchpoints, …).

— Għarfien arkitetturali dwar is-soluzzjonijiet ta' sigurtà.

**NB:** L-esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed in kunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

3. **Esperjenza professjonali**

Mill-inqas ħames snin esperjenza fl-istandards u mudelli ta' ġestjoni ta' sigurtà, fil-kitba tal-politika, organizzazzjoni ta' sigurtà, analiżi ta' impatt tan-negozju, ġestjoni ta' riskju u speċfikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' sigurtà. Din l-esperjenza trid tkun inkisbet wara l-kwalifika meħtieġa hawn fuq.

4. **Għażla skont il-kwalifiki**

*Waħda jew iktar minn dawn l-esperjenzi, għarfien u abbiltà jkunu ta' vantaġġ:*

1. Żvilupp ta' politika ISS.
2. Organizzazzjoni ta' ISS.
3. Klassifika tal-assi/ ħtiġijiet ta' sigurtà.
4. Sigurtà relatata mar-riżorsi umani (taħriġ u għarfien, screening, responsabbiltajiet. drittijiet ta' aċċess).
5. Ġestjoni ta' sigurtà ta' komunikazzjonijiet u operazzjonijiet (proċeduri ta' sigurtà operazzjonali, protezzjoni kontra kodiċi malizzjużi, backups, sigurtà tan-netwerk, sigurtà tas-sistemi u tal-middleware (Sistemi Operattivi, Bażijiet ta' Dejta, Web Servers, …), ġestjoni sikura tal-midja, monitoraġġ tas-sigurtà).
6. Ġestjoni ta' identifikazzjoni, awtentikazzjoni u aċċess.
7. Żvlupp ta' Sistemi ta' Informazzjoni sikuri (Sigurtà fl-SDLC, kriptografija).
8. Ġestjoni ta' Sigurtà tal-Informazzjoni f'każ ta' Inċidenti.
9. Ġestjoni ta' Kontinwità tan-Negozju.
10. Verifika tal-konformità.
11. Ġestjoni tar-riskju.
12. Akkreditazzjoni formali tas-sistemi ta' proċessar ta' informazzjoni kklassifikata tal-UE.

*ANNESS 2*

## EPSO/AD/181/10 — AMMINISTRATURI (AD 8)

## LIĠI TAL-KOMPETIZZJONI

Din il-kompetizzjoni ġenerali qed issir biex jiġu impjegati Amministraturi (AD 8) fil-qasam tal-Liġi tal-Kompetizzjoni.

### 1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

Twettiq ta' analiżi relatati mal-politika Ewropea tal-anti-trust, tal-amalgamazzjonijiet u l-għajnuna mill-Istat u tisħiħ u twettiq ta' dmirijiet amministrattivi, konsultattivi u superviżorji relatati mal-attivitajiet tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-istituzzzjonijiet Ewropej qed ifittxu avukati b'għarfien u esperjenza profondi fil-liġi tal-kompetizzjoni Ewropea (anit-trust, amalgamazzjonijiet u/jew għajnuna mill-Istat) u esperjenza ppruvata fl-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u proċeduri f'ditta legali, konsulenza legali, organizzazzjoni tan-negozju jew awtorità nazzjonali għall-kompetizzjoni. Il-kandidati għandhom ikollhom ħiliet ippruvati biex janalizzaw każijiet ta' kompetizzjoni, filwaqt li jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-aspetti ekonomiċi; jagħmlu evalwazzjoni legali skont ir-regoli u l-proċeduri tal-kompetizzjoni u jippreżentaw abbozzi legali.

### 2. Kwalifiki

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja huwa ta' erba' snin jew iktar

**jew**

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma, esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas sena, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja huwa ta' mill-inqas tliet snin.

**NB:** L-esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed in kunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

### 3. Esperjenza professjonali

Mill-inqas tmien snin ta' esperjenza ta' xogħol relatata mal-applikazzjoni tar-regoli u proċeduri ta' kompetizzjoni. Oqsma ta' esperjenza għandhom jinkludu l-analiżi tas-swieq u kwistjonijiet relevanti tal-kompetizzjoni abbażi ta' fehma tajba tal-aspetti ekonomiċi; l-evalwazzjoni legali tagħhom skont ir-regoli u l-proċeduri ta' kompetizzjoni; u t-tħejjija ta' dokumenti legali.

Din l-esperjenza ta' ħidma hija relevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-kisba tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

PhD fil-liġi f'suġġett relatat miksuba matul studji full-time tista' tiġi kkunsidrata għal perjodu massimu ta' **tliet** snin. Jekk il-kandidat ikun kiseb id-diploma tal-PhD f'inqas minn tliet snin, il-perjodu tal-istudju biss jingħadd.

Perjodi ta' taħriġ addizzjonali relatati mal-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa u li jkunu saru mill-kisba tal-lawrija meħtieġa jistgħu jiġu kkunsidrati għal perjodu ta' mhux iktar minn sena.

### 4. Għażla skont il-kwalifiki

*Waħda jew iktar minn dawn l-esperjenzi, għarfien u abbiltà jkunu ta' vantaġġ:*

1. Esperjenza ta' xogħol fl-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE jew tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri (anti-trust: ftehimiet restrittivi, dominanza, kartelli; amalgamazzjonijiet u/jew għajnuna mill-Istat) f'kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

   — ditta legali;

   — qorti;

   — bħala avukat intern f'kumpanija;

   — awtorità ta' kompetizzjoni pubblika nazzjonali jew internazzjonali.

2. Esperjenza ta' xogħol fil-liġi kummerċjali f'waħda minn dawn:

   — ditta legali;

   — qorti;

   — bħala avukat intern f'kumpanija;

   — organizzazzjoni pubblika nazzjonali jew internazzjonali.

3. Studji gradwatorji jew post-gradwatorji bi speċjalizzazzjoni fil-liġi tal-kompetizzjoni.

4. Xogħol leġiżlattiv fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni.

5. Esperjenza f'negozjati f'livell internazzjonali.

6. Esperjenza fir-riċerka akkademika jew tagħlim fil-liġi tal-kompetizzjoni jew liġi kummerċjali.

7. Parteċipazzjoni f'konferenzi u gruppi ta' ħidma fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni, jew bħala kelliem jew bħala awtur konġunt.

8. Pubblikazzjonijiet u artikoli f'ġurnali akkademiċi, relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni.

*ANNESS 3*

**EPSO/AD/182/10 — AMMINISTRATURI (AD 8)**

**EKONOMIJA TAL-INDUSTRIJA**

Din il-kompetizzjoni ġenerali qed issir biex jiġu impjegati Amministraturi (AD 8) fil-qasam tal-ekonomija industrijali għall-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE.

## 1. **Dmirijiet**

Twettiq ta' analiżi relatati mal-politika tal-UE tal-anti-trust, tal-amalgamazzjonijiet u l-għajnuna mill-Istat u tisħiħ u twettiq ta' dmirijiet amministrattivi, konsultattivi u superviżorji relatati mal-attivitajiet tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE.

L-Istituzzjonijiet Ewropej qed ifittxu ekonomisti li għandhom esperjenza profonda fl-ekonomija industrijali (bi sfond empiriku u/jew teoretiku) u esperjenza kkonfermata fl-iżvilupp ta' analiżi ekonomika fil-kuntest ta' proċeduri antitrust u/jew amalgamazzjoni u/jew għajnuna mill-Istat. Il-kandidati għandhom ikollhom ħiliet ippruvati fl-applikazzjoni ta' analiżi ekonomika għal każijiet ta' politika tal-kompetizzjoni u jkunu familjari sew mat-tekniki kwantitattivi.

## 2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma fl-ekonomija jew diploma li tinkludi speċjalizzazzjoni fil-qasam tal-ekonomija industrijali, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja huwa ta' erba' snin jew iktar

**jew**

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma fl-ekonomija jew diploma li tinkludi speċjalizzazzjoni fil-qasam tal-ekonomija industrijali u esperjenza professjonali adattata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja huwa ta' mill-inqas tliet snin.

**NB:** L-esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed in kunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

## 3. **Esperjenza professjonali**

Mill-inqas tmien snin ta' esperjenza ta' ħidma relatata mal-analiżi ekonomika fil-politika tal-kompetizzjoni u/jew ekonomija industrijali. L-oqsma tal-esperjenza għandhom jinkludu l-applikazzjoni tal-analiżi teoretika u empirika kwantitattiva l-iktar aġġornata.

Din l-esperjenza ta' ħidma hija relevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-kisba tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

PhD f'materja relatata fil-qasam tal-ekonomija miksuba matul studji full-time tista' tiġi kkunsidrata għal perjodu massimu ta' tliet snin. Jekk il-kandidat ikun kiseb id-diploma tal-PhD f'inqas minn tliet snin, il-perjodu tal-istudju biss jingħadd.

Perjodi ta' taħriġ addizzjonali relatati mal-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa u li jkunu saru mill-kisba tal-lawrija meħtieġa jistgħu jiġu kkunsidrati għal perjodu ta' mhux iktar minn sena.

## 4. **Għażla skont il-kwalifiki**

*Waħda jew iktar minn dawn l-esperjenzi, għarfien u abbiltà jkunu ta' vantaġġ:*

1. Esperjenza ta' ħidma f'kwalunkwe waħda minn dawn:

   — konsulenza ekonomika fil-qasam tal-politika ta' kompetizzjoni jew regolazzjoni;

   — awtorità ta' kompetizzjoni jew regolatorja;

   — istituzzjoni finanzjarja;

   — dipartiment tal-Amalgamazzjonijiet u Akkwisti jew dipartiment ta' pjanifikar strateġiku ta' ditta multinazzjonali.

2. Studji gradwatorji jew postgradwatorji bi speċjalizzazzjoni fl-industrija ekonomika, finanzi tal-kumpaniji, finanzi pubbliċi jew mikroekonometriċi.

3. Kompetenza perfetta ta' għodod kwantitattivi (bħal Stata, SPSS, Mathematica, Mathlab jew softwer ekwivalenti).

4. Pubblikazzjonijiet f'ġurnali akkademiċi riveduti minn pari fil-qasam tal-politika ta' kompetizzjoni jew regolatorja.

5. Pubblikazzjonijiet jew dokumenti ta' ħidma fil-qasam tal-politika ta' kompetizzjoni jew regolatorja.

6. Parteċipazzjoni f'konferenzi u gruppi ta' ħidma fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni jew regolatorja, jew bħala kelliem jew bħala awtur konġunt.

7. Esperjenza fir-riċerka fil-post jew riċerka tal-istħarriġ

8. Graduate Record Examination.

**REVIŻJONI TAL-ĠU C A "KOMPETIZZJONI"**

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.
Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

| | |
|---|---|
| 5 | (FR) |
| 9 | |
| 19 | (FR) |
| 23 | (DE/ES/PT) |
| 28 | |
| 48 | |
| 53 | |
| 56 | |
| 57 | |
| 60 | |
| 61 | (DE/EN/FR) |
| 62 | |
| 64 | |
| 66 | (BG/RO) |
| 67 | (ES) |
| 70 | (PT) |
| 73 | (FI) |
| 74 | (SV) |
| 91 | |
| 95 | |
| 104 | |
| 110 | |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT